# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2023**

**Avv Nru: 181/2018**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Europharma Limited (C1822)**

**vs**

**Medsea Shipping Agency Limited (C45885) u permezz ta' digriet datat 10 ta' Jannar 2019 ġew kjamati in kawża AMY GmbH, Air Malta p.l.c (C2685) u Global Freight Solutions Limited (C 65661)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 30 ta' Lulju 2018[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, din i-Qorti ntalbet sabiex tordna lis-

[1] A fol 1 iet seq *tal-proċess.*

soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, tmien mija u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€7,880.85ċ) rappreżentanti spejjeż inkorsi mis-soċjetà' attriċi wara li merkanzija minna mixtrija ma nżammitx f'temperatura kontrollata waqt it-traġitt relevanti.

Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta datata 26 ta' Ottubru 2018[2].

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif l-ewwel preseduta[3] fejn laqgħet it-talba tas-soċjetà konvenuta għall-kjamata in kawża tas-soċjetà estera, AMW GmbH, Air Malta p.lc u Global Freight Solutions Limited.

Rat li sussegwentement dan id-digriet reġa ġie kkonfermat wara li dik il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-oppożizzjoni tas-soċjetà attriċi[4].

Rat ir-risposta tal-kjamata in kawża Airmalta plc tal-24 ta' April 2019[5].

Rat lis-soċjetajiet l-oħra kjamati in kawża, għalkemm deibtament notifikati, naqsu milli jħejju risposta formali f'dawn il-proċeduri.

---

[2] A fol 13 tal-proċess.
[3] Datat 30 ta' Novembru 2018. Digriet jinsab a fol 38 tal-proċess.
[4] Digriet datat 10 ta' Jannar 2019  jibda a fol 45 tal-proċess.
[5] A fol 57 tal-proċess.

Rat l-affidavit ta' Alex Fenech[6], flimkien mad-dokumenti hemm mehmuża.

Rat l-affidavit ta' Ian Caruana[7].

Rat ix-xhieda in kontro-eżami ta' Ian Caruana u Alex Fenech[8].

Rat ix-xhieda ta' Francesca Bartolo[9].

Rat l-affidavit ulterjuri ta' Alex Fenech[10].

Rat l-affidavits ta' Carolina Schiavone u Roberta Vassallo[11].

Rat l-affidavit ta' John Grixti[12].

Rat il-kontro-eżami tal-istess John Grixti, magħmula fuq żewġ seduti[13].

---

[6] Dan jibda a fol 71 tal-proċess.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 95 tal-proċess.
[8] Ilkoll magħmula waqt is-seduta tal-21 ta' Jannar 2021.
[9] Magħmula waqt is-seduta tal-25 ta' Mejju 2021.
[10] A fol 139 tal-proċess.
[11] Nota relattiva tinsab a fol 144 tal-proċess.
[12] Dan jinsab jibda a fol 246 tal-proċess.
[13] Dik tal-11 ta' Lulju 2022 u tal-24 ta' Ottubru 2022.

Rat il-kontro-eżami ta' Caroline Schiavone u Roberta Vassallo[14].

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[15] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' April 2023[16].

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 fejn seħħet il-kjarifika mitluba fid-digriet hawn qabel imsemmi u din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni finali[17] (magħmula biss mid-difensur tas-soċjetà attriċi għaliex hi biss attendiet għas-seduta). Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-qorti tqis eiraq li jsir riassunt qasir tax-xhieda u l-provi ta' dawn il-proċeduri u dan peress li l-istess ma ġew mismugħa minn din il-Qorti kif issa mpoġġiha.

Illi Alex Fenech iddepona numru ta' drabi. Fl-affidavit tiegħu[18] jgħid li huwa jokkuma l-kariga ta' *Business Development Manager* fi ħdat is-soċjetà attriċi. Fil-11 ta' Lulju 2017, kollega tiegħu, talbt stima minn għand is-soċjetà konvenuta għall-ġarr ta' mediċinali mill-Ġermanja lejn Malta. Fil-korrispondenza (li ġiet mehmuża)

[14] Mwettaq fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023.
[15] A fol 279 tal-proċess.
[16] A fol 284 tal-proċess.
[17] Liema trattazzjoni ġiet debitament traskritta u tibda a fol 287 tal-proċess.
[18] Dok AF a fol 71 tal-proċess.

kien hemm indikat li l-konsenja kellha tinżamm f'temperatura ta' bejn żewġ gradi u ħamsa u għoxrin grad *celsius*. Dakinhar stess, s-soċjetà konvenuta stqset dwar il-piż relattiv, u din l-informazzjoni ġiet mgħoddija. Fit-12 ta' Lulju 2017 s-soċjetà Medsea bagħatu kwotazzjoni u f'dik il-korrispondenza hemm indikat li din il-konsenja kellha jkollha temperatura kontrollata. Jikkonferma li huma ngaġġaw biss lis-soċjetà konvenuta u ma kienux a konoxxenza ta' xi entitajiet oħra li setgħet qabdet s-soċjetà konvenuta. Fil-31 ta' Lulju 2017 waslet il-konsenja u hekk kif waslet ġie analizzat id-*data logger*. Ġie innutat lit-temperaturi ma kienux inżammu u dawn laħħqu massimu ta' 46.3 gradi. Huwa nfurmaw lil AMW, għaliex kif spjega, il-prodott jinżamm fi kwarantina sabiex wieħed jara jekk kienx għadu tajjeb. AMW talbet lis-soċjetà attriċi tibgħat xi samples sabiex jiġu eżaminati u hekk sar. Is-soċjetà konvenuta ġiet infurmata b'dan kollu u nżammet responsabbli. Fit-22 ta' Awwissu 2017, AMW bagħtet lura u qalet lill-merkanzija kienet għada tajba għall-użu u b'hekk il-bqija tal-konsenja setgħet tinbiegħ. Naturalment is-*samples* ma ġew ritornati. Jispjega lit-talba tinkludi l-valur tal-kampjuni li ntbagħtu għall-eżami u l-ispejjeż relatati. Ġew ippreżentati dokumenti msemmija fl-affidavit.

Illi in kontro-eżami[19] jgħid li ma jitfakarx il-piż ta' kull *inner unit*. Jgħid li l-fattura nħarġet lil Medsea għaliex skond hu huma jridu Agħmlu tajjeb għad-danni sofferti. Il-bqija tal-kontro-eżami kien iffukat fuq il-kwistjoni tal-assigurazzjoni, li kif sejjer jintwera kien eżerċizzju inutili. Jgħid però li meta jkun hemm problema fiżika tal-oġġett, jittieħdu ritratti. F'dan il-każ ma jidhirlux li t-tieħdu ritratti.

Illi permezz t'affidavit ulterjuri[20] mbagħad jikkoreġi li ma kienx sar ħlas mill-kumpannija assikuratriċi tagħhom.

---

[19] A fol 19 tal-proċess.
[20] A fol 140 tal-proċess.

Illi xehed ukoll Ian Caruana. Fl-affidavit tiegħu[21] jgħid li huwa jokkupa l-kariga ta' *head of warehousing* mas-soċjetà attriċi. Jgħid li hemm ċertu tipi ta' mediċini li jirrikjedu li jinżammu f'temperatura kontrollata waqt il-vjaġġ. Hemm żewġ kategoriji, jew minn żewġ u tmien gradi jew ħmistax ta ħamsa u għoxrin. Fiż-żewġ ċirkostanzi jintuża *data logger* sabiex jiġi verifikata lit-temperatura stabbilita nżammet. Dwar din il-konsenja jgħid li din kienet ġejja minn għand AMW GmBH. Huwa rċieva telefonata mis-soċjetà konvenuta li din kienet wasslet. Meta wasal, sab id-*data logger* meta seħħ eżami tiegħu, dan indika lit-temperatura kienet għoliet ferm. Huwa nfurma lil Alex Fenech. Fid-*delivery note* jikkonferma li kien kiteb li sab *high reading*. Irċieva struzzjonijiet sabiex il-mediċina tinżamm fi kwarantina u ċioé tkun segregata mill-mediċini l-oħra.

Illi in kontro-eżami[22] jgħid li kull kaxxa jkollha label meta jkun hemm ġitieġa ta' kontroll ta' temperatura. Ma jiftakarx li jekk dan seħħx f'dan il-każ. Jgħid li anke l-burdnar kien wara kollox iffirma li l-prodott kien ġie b'temperatura ħażina.

Illi xehdet ukoll Francesca Bartolo. In eżami[23] tgħid li hija taħdem ma Atlas Insurance. Essenzjalment tgħid li dwar din il-konsenja partikolari kienet saret claim iżda din ġiet rifjutata għaliex ma kienx hemm koperatur partikolari. Għalhekk Atlas ma ħallset xejn.

Illi xehdet ukoll Caroline Schiavone. Fl-affidavit[24] tagħha tispjega li hija taħdem bħala *Sales and Marketing Manager* fi ħdan is-soċjetà konvenuta. F'dan il-każ is-

[21] Dan jibda fol 96.
[22] Dan jibda a fol 109 tal-proċess.
[23] Dan jibda a fol 136 tal-proċess.
[24] Dan jibda a fol 148 tal-proċess.

soċjetà konvenuta assumiet il-funzjoni ta' *freight forwarder*. Tagħmel referenza għal-traġitt ieħor preċedenti għal dak hawn eżaminat u tgħid li anke hemm hemm il-merkanzija kellha jkollha temperatura kontrollata tant li tenfazizza li huma għamlu kuntatt ma Global Freight Solutions Limited, li huma kienu inkarigaw sabiex dawn jaċċertaw il-kura rikjesta. Fuq din il-merkanzija tgħid li fil-11 ta' Lulju 2017 huma ntalbu kwotazzjoni għall-istess tip ta' merkanzija. Għal darb oħra tgħid li huma nfurmaw lil Global Frieght Solutions Limited bl-Importanza tad-*data logger*. Tgħid però li kienet ir-responsabbiltà tas-soċjetà attriċi u ta' AMW GmBH (is-supplier) sabiex jassiguraw li dan ikun hemm. Madanakollu, tinsisti li fil-21 ta' Lulju 2017, huma kienu reġgħu ikkonfermaw ma' Global Freight Solutions Limited li l-merkanzija kellha ħtieġa ta' temperatura kontrollata. Tgħid li kienet din l-aħħar kumpannija li kellha ġġorr il-merkanzija u allura tgħid li hija kellha tieħu ħsieb l-affarijiet. Tagħlaq billi żżid li skond Air Malta plc ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-merkanzija kellha tinżamm f'ċertu temperatura. Ma tafx tgħid jekk is-soċjetà estera AMW GmBH ħadietx ħsieb tħejji manifest u labelling kif suppost. Malli waslet il-merkanzija, Global Freight Solutions Limited infuramthom li din ma kienitx ġiet mħażżna skond l-istruzzjonijiet tagħhom. B'hekk huma nfurmaw lis-soċjetà attriċi.

Illi in kontro-eżami, l-istess Caroline Schiavone[25] terġa tikkonferma li għat-tieni traġitt (mertu ta' din il-kawża) kienu taw l-istess struzzjonijiet lill-Global Freight sabiex jiżguraw li jkun hemm *data logger* u li kienu jafu li din il-merkanzija kellha tkun *temperature controlloed*. Taqbel lir-relazzjoni tas-soċjetà attriċi kienet biss mas-soċjetà konvenuta. L-istima kienet tinkludi kunsiderazzjoni li l-konsenja kellha tkun *temperature controlled.* Taqbel li kienu huma li ngaġġaw lil-Global Freight

[25] Dan jibda a fol 273 tal-proċess.

Solutions u li dawn imbagħad qabdu nies oħra. Taqbel li s-soċjetà konvenuta ma talbitx lis-soċjetà attriċi sabiex ikun hemm labelling appożitu. Ma tiftakarx li rat xi dokumenti ta' Global Freight Solutions u jekk din infurmatx lill min qabbdet sabiex jieħdu ħsieb l-istruzzjonijiet.

Illi xehdet ukoll Roberta Vassallo. Fl-affidavit, essenzjalment tikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' Caroline Schiavone[26].

Illi waqt il-kontro-eżami[27] hija tikkonferma lis-soċjetà attriċi kienet tatħhom struzzjonijiet li l-vjaġġ kellu jkun *temperature controlled* u li l-istima kienet tirrifletti dan il-fatt. Kienet Medsea li sabet il-kumpanniji l-oħra. Taqbel li Medsea kienet taf li kellu jkun hemm *data logger*. Ma tafx tgħid x'istruzzjonijiet tat Global Freight Solutions lil min din qabdet.

Illi xehed ukoll John Grixti. Fl-affidavit[28] jispjega li huma kien impjegat bħala *Cargo Operations Manager* mas-soċjetà Air Malta Company Limited li kienet, f'dan il-każ, qiegħda taġixxi bħala *handling aġenti* għal-Air Berlin. Xogħolu kien li biss li meta l-konsenja tasal Malta, din titwassal sal-maħżen speċifiku. Huwa eżebixxa ritratti tal-kaxex in kwistjoni. Skond hux meta t-temperatura kellha tkun kkontrollata, dan il-fatt kellu jiġi muri b'marki appożiti. F'dan il-każ ma kien hemm xejn. Jgħid li l-claim ma setgħetx tinfetaħ kontra Air Malta għaliex, kien għadda t-terminu u anke għaliex il-konsenja ma ġarrbet l-ebda ħsara.

[26] Dok RV a fol 168 tal-proċess.
[27] Dan jibda a fol 277 tal-proċess.
[28] A fol 246 tal-proċess.

Illi in kontro-eżami[29] ma kienx jaf jgħid minn inkariga lill-Air Malta, iżda jidher li kienet Air Berlin. Jgħid li hija r-responsabbiltà tas-shipper li jara li jkun hemm *label* appożitu f'każ ta' ħtieġa ta' kontroll tat-temperatura. Jikkonferma li fid-dokument minnu ppreżentat hemm indikat din il-ħtieġa (tal-kontroll), iżda ma jafx jgħid kif dak id-dokument ġie għand Air Malta. Jispeċifika però li ma kienx fil-pussess tagħhom fl-istadju tal-*handling*. In kontro-eżami f'seduta oħra[30] jeżebixxi korrispondenza elettronika u jżid li *l-air way bill* ħareġ minn Munich.

Illi magħmula din is-sintesi, imiss li l-fatti jiġu applikati għall-aspetti legali li jistgħu jirrisolvu din il-kwistjoni. Għal din il-Qorti huwa ċar li l-azzjoni magħmula mis-soċjetà attriċi hija dik naxxenti minn ksur kuntrattwali da parti tas-soċjetà intimata meta din, fil-qadi tal-inkarigu mogħti lilha għat-trasport tal-merkanzija, naqset milli tieħu s-salvagwardji neċessarji sabiex il-prodott jinżamm fit-temperatura mitluba u rikjesta. Issa, s-soċjetà konvenuta tiddefendi ruħha b'diversi modi. Fl-ewwel lok, tittanta taddossa l-ħtija għal dak li seħħ fuq sub-kuntratturi mqabbda minnha f'dan it-traġitt, kif ukoll fuq *is-supplier* inizjali tal-prodott. Kien propju għalhekk li talbet (wara li hekk ġiet indirizzata tagħmel minn din il-Qorti kif preċedentement preseduta) il-kjamati in kawża ta' nies oħra.

Illi strettament, din il-kawża m'hijiex dwar danni ikkaġunati mill-fatti li seħħet ħsara fil-merkanzija, iżda hija azzjoni għall-ispejjeż involuti sabiex jiġi aċċertat li bil-fatt li ma nżammitx it-temperatura waqt it-traġitt, il-bqija tal-merkanzija baqgħet vijabbli. Dawn l-ispejjeż ukoll jistgħu jingħataw it-titolu ta' danni għaliex f'każ li jirriżulta li dawn kien neċessarji[31], d-debitur huwa obbligat iħallas għal dak li setá basar kien sejjer ikun ir-riżultat tan-nuqqas. Naturalment irid jintwera li dan l-ispejjeż

[29] Dan jibda a fol 255 tal-proċess.
[30] Dan jibda a fol 269 tal-proess.
[31] Artikolu 1135 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

kienu danni direttament magħmula minħabba l-effett ta' dan il-ksur[32]. Danni dawn li ġew ikklassifikati bħala sekondarji[33].

Illi għalkemm fit-trattazzjoni orali tal-għeluq, jidher lis-soċjeta attriċi għamle refenza għamlet referenza Għal-Convention On The Contract For The International Carriage Of Goods By Road (CMR), kodfikata fil-liġi tagħna permezz tal-Kapitolu 486 tal-Liġijiet ta' Malta[34]. Madankollu, il-Qorti ma taqbilx li hija din il-liġi speċjali li hija applikabbli, għaliex dik il-Konvenzjoni tapplika għal traġitt li jinkludi kemm parti stradali u parti bl-ajru biss meta l-merkanzija tinżamm fl-istess vettura[35]. Mill-atti ma jirriżultax li din il-merkanzija inżammet fl-istess vettura matul kull parti tat-traġitt (għalkemm jista' jagħti l-każ li nżammet f'kontenitur wieħed). Għalhekk semmai hija applikabbli l-Liġi Sussidjarja 499.24.

---

[32] Artikolu 1137 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[33] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Credorax Bank Limited vs LRQ Distribution Limited,** (Rik 636/16) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 ta' Novembru 2017 (mhux appellata).

[34] Dan meta kienet qiegħda titratta l-kwistjoni tal-imgħax.

[35] L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jgħid hekk: ***Where the vehicle containing the goods is carried over part of the journey bysea, rail, inland waterways or air, and, except where the provisions of article 14 are applicable, the goods are not unloaded from the vehicle, this Convention shal l nevertheless apply to the whole of the carriage.*** *Provided that to the extent it is proved that any loss, damage or delay in delivery of the goods which occurs during the carriage by the other means of transport was not caused by act or omission of the carrier by road, but by some event which could only have occurred in the course ofand by reason of the carriage by that other means of transport, the liability of the carrier by road shall be determined not by this Convention but in the manner in which the liability of the carrier by the other means of transport would have been determined if a contract for the carriage of the goods alone had been made by the sender with the carrier by the other means of transport in accordance with the conditions prescribed by law for the carriage of goods by that means of transport. If however, there are no such prescribed conditions, the liability of the carrier by road shall be determined by this Convention –* ***(enfasi tal-Qorti).*** Sa fejn hekk hija applikabbli, l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *noe* vs Advance Shipping Limited *et*,** (Talba Nru: 214/2018) mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (mhux appellata) nhar il-24 ta' Ġunju 2013.

**<u>Is-soċjetà konvenuta m'hijiex responsabbli u l-pożizzjoni tal-kjamati in kawża f'din l-azzjoni.</u>**

Illi qabel xejn, tajjeb jingħad li l-ġurisprudenza jidher li ma kienetx dejjem kostanti f'dik li hija l-pożizzjoni tal-intervenut koatt f'xi proċeduri. Minn dak li fehmet din il-Qorti, jidher li d-digriet li bih tħallew jipparteċipaw s-soċjetajiet kjamati in kawża kien għall-ekonomija tal-ġudizzju. Madanakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti kif hawn preseduta, ġaladarba jirriżulta ċar li din l-azzjoni hija dik rigwardanti ksur kuntrattwali bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta, ma kien hemm xejn nieqes fl-integritá tal-ġudizzju bil-mod kif ġiet oriġinarjament postulata l-azzjoni għaliex, hija biss is-soċjetà konvenuta li tista' tirrispondi għal dan il-ksur[36]. Għal din il-Qorti, il-kjamat in kawża m'għandux jiġi aċċettat jekk l-attur ma jista' qatt jottjeni kundanna ġudizzjarja fil-konfront tal-istess kjamat[37]. Ir-rabtiet bejn is-soċjetà konvenuta u

---

[36] Bħala eżemplari għal dak li jikkonċerna ġarr ta' merkanzija l-qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Alber Abela vs S Mifsud & Sons Ltd,</u>** (Ċit Nru: 1448/1995/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Ottubru 2001 (mhux appellata) u ċioé li *" huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjoni jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata ("Mamo vs Abela nomine" – Appell Civili 4 ta' Frar 2000). "Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li lunika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija millIngilterra ghall-Malta kien propju dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f'din il-kawza."*

[37] Issir referenza hawn għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>J. Lautier Co. Limited vs Ultraservices Limited *et,*</u>** (Ċit Nru: 17/1997/1), mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Novembru 2005 fejn (f'kawża li kienet tikkonċerna appalt u ġie mdaħħal is-sub-appaltatur) ntqal hekk: *" L-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat, u m'ghandux ikun hemm rikors ghalih fejn il-gudizzju jkun diga' integru bil-presenza fil-kawza tal-konvenut u fejn irresponsabbilta' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor. Jekk jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt*

dawk kjamati in kawża, anke għaliex ġie ppruvat lis-soċjetà attriċi ma pparteċipatx bl-ebda mod f'dik l-għażla[38], huma totalment *res inter alios acta* għas-soċjetà attriċi. Tgħodd hawnhekk il-massima *pacta tertiis nec presunt nec nocent*[39]. Hija biss is-soċjetà konvenuta li tista' tirrispondi għal din it-talba, u dan kemm mill-aspett tal-liġi ordinarja[40] u anke skond il-Liġi Sussidjarja 499.24[41].

Illi mill-provi jirriżulta ċar lis-soċjetà konvenuta kienet ben konxja tal-fatt li din il-merkanzija kienet tirrikjedi li tibqa f'temperatura stabbli matul it-traġitt kollu. Frankament ix-xhieda ta' Caroline Schiavone u dak li emerġa mill-kontro-eżami ta' Roberta Vassallo ma ħallu l-ebda dubju (jekk dan qatt kien hemm). Din ma kienetx

---

*jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma' dan ma kellu l-ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, il-Qorti ma tarax kif tista' tregi fil-konfront tieghu t-talba attrici."*

[38] Kif tajjeb ġie rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Carmelo Castelli *noe* vs Focal Maritime Services Ltd,** (App Ċiv Nru: 1465/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Novembru 2012 *"Il-Qorti tosserva li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija sostnuta ampjament mill-provi, u jirrizulta pacifiku li l-atturi ma taw ebda struzzjonijiet jew inkarigu la lis-socjeta` konvenuta Air Malta plc. u lanqas lis-socjeta` estera konvenuta Delta Airlines. Kif osservat l-ewwel Qorti, l-atturi ma kienu nvoluti b'ebda mod fl-inkarigu moghti lil dawn is-socjetajiet trasportaturi tal-merkanzija missocjeta` konvenuta TSCL. Ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn latturi u dawn is-socjetajiet. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it- tielet eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta plc. u lliberat lil din issocjeta` mill-osservanza tal-gudizzju".*

[39] Hekk kif anke jinsab kodifikat fl-artikolu 1001 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[40] F'dan is-sens issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana**, (Ċit Nru: 534/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ottubru 2003 fejn ġie mfakkar li *"Is-sub-kuntrattur m'ghandu ebda relazzjoni guridika mas-sid, u d-danni minhabba inadempjenza jridu jithallsu u jkunu dovuti mill-kuntrattur, anke jekk in-nuqqas ikun attribwibbli lis-sub-kuntrattur. Hu biss jekk it-terz, li jikkaguna l-hsara, ma jkollu ebda relazzjoni mad-debitur tal-obbligazzjoni, li dak l-agir ma jkunx attribwibbli lid-debitur inadempjenti; jekk dan it-terz, min-naha l-ohra, ikun gie kkummissjonat mid-debitur biex jassistih fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, kull nuqqas ta' dak it-terz, jitqies nuqqas tal-kuntrattur kontraent.".*

[41] Kif tajjeb ingħad, f'sitwazzjoni simili, fis-sentenza fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited vs B.A.S. Limited,** (App Nru: 877/2008) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il- 25 ta' Mejju 2016 *"L-atturi ma vvantaw l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' Airmalta plc. Is-socjeta konvenuta ma tistax tfarfar mill-obbligi kuntrattwali li assumiet fil-konfront ta' Intercomp Limited billi titfa' l-htija fuq l-Airmalta plc, li maghha l-appellati qatt ma kellhom relazzjoni guridika."*

l-ewwel darba lis-soċjetà konvenuta ġiet imqabbda mis-soċjetà attriċi u ma jidhirx li fil-każ preċedenti kienet inqalgħet l-istess problema. Inutli allura li tgħid li fuq il-pakketti ma kienx hemm imniżżel b'tabella dan ir-rekwiżit, għaliex il-korrispondenza li wasslet sabiex tiġi magħżula s-soċjetà intimata għal dan it-traġitt ma jħalli ebda dubbju li kienet taf b'dan il-fatt[42].

Illi wara kollox, fil-fehma ta' din il-Qorti, din l-iskuża tagħha hija ferm il-bogħod minn dak li l-liġi tippermetti sabiex trasportatur jinħeles mir-responsabbiltajiet tiegħu. Trasportatur għandu fuqu oneru u piż probatorju qawwi sabiex jiskulpa ruħu minn xi avveniment waqt it-traġitt. F'dan il-każ huwa ċar lis-soċjetà konvenuta naqset minn dak li ġie kkuntrattat minnha u f'dawn il-proċeduri għandha tirrispondi hi biss. Jekk imbagħad jidhrilha li għandha ddur fuq xi ħadt ieħor, wara li jingħalqu dawn il-proċeduri, dik hija kwistjoni oħra lill'hinn mill-kunsiderazzjonijiet li saru hawnhekk[43].

Illi finalment, il-Qorti tqis lis-soċjetà attriċi għamlet dak minnha mitlub sabiex fiċ-ċirkostanzi tara kemm jista' jkun lid-dannu jiġi mitigat. Tassew, l-ammonti mitluba minnha f'dawn il-proċeduri huma ta' entitá żgħira kkumparat ma dak li setgħet titlob

---

[42] Fil-korrispondenza elettronika li bagħtet is-soċjetà konvenuta bil-kwotazzjoni, hemm indikat ċar lit-temperatura kellha tkun kontrollata. Dokument jinsab anness a fol 77 tal-proċess.

[43] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Galdes & Mamo Ltd vs Lufthansa Cargo AG *et*,** (Rik Nru: 2942/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-1 ta' Frar 2008 fejn intqal li "*Dan ifisser illi, ladarba l-prinċipal iwieġeb għal dak li jagħmel l-aġent tiegħu, quddiem l-importatriċi Lufthansa twieġeb għan-nuqqasijiet ta' Air Malta, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li naraw jekk in-nuqqasijiet seħħewx waqt illi l-merkanzija kienet f'idejn waħda jew waqt li kienet f'idejn l-oħra. Lanqas ma jiswa l-ftehim bejn Lufthansa u Air Malta biex ibiddel jew inaqqas il-jeddijiet ta' l-importatriċi; għal din, il-ftehim jibqa' res inter alios acta, bla ħsara, naturalment, għar-relazzjonijiet interni bejn iż-żewġ konvenuti.*"

li kieku ma ħasbitx sabiex l-ewwel tinvestiga jekk il-merkanzija kienetx għada vijabbli lill'hinn mill-ksur ovvju da parti tas-soċjetà konvenuta[44].

Illi għal dawn il-motivi kollha, il-Qorti tqis lit-talba tas-soċjetà attriċi għandha tiġi milqugħa fit-totalita tagħha u dan fil-konfront tas-soċjetà konvenuta biss.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħed tiddeċiedi din il-vertenza billi:

1) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà' Air Malta plc u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.
2) Tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lis-soċjetajiet l-oħra kjamati in kawża.
3) Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti[45] tas-soċjetà konvenuta.
4) Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u b'hekk tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, tmien mija u tmenin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€7,880.85ċ) bl-imgħax legali mit-30 ta' Lulju 2018.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri (inklużi dawk tal-kjamati in kawża) jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà konvenuta.

---

[44] Utli hawn issir referenza għas-segwenti bran meħuda mis-sentenza fl-ismijiet **Edoardi Pagani vs Sadeen Education Investment Limited,** (Rik Maħluf Nru: 94/2018) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Settembru 2022 (attwalment pendenti appell) u ċioé li*: "B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, isir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra, irid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas (ara Joseph Dalli et v. Mediterranean Film Studios Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' April, 2010), filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar (ara John Xuereb v. James Edward Livick, Appell Inferjuri, 3 ta' Novembru, 1956)"*

[45] Għaliex il-ħames eċċezzjoni effetivament ġiet riżolta bid-digriet ta' din il-Qorti kif preċedentement preseduta meta ġew kjamati in kawża.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur